MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru. 153/2008

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cachia)
vs
Raymond Zammit, iben Joseph, imwieled Safi fil-21 ta' Mejju, 1961Karta ta' l-Identita numru 372261(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fil-25 ta' Frar, 2008 għal ħabta tat-8.30 a.m. fi Triq Lapsi, Siġġiewi bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Maria Micallef kontra l-volonta' tagħha;
b. talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maria Micallef f'perikolu ċar, volontarjament, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Maria Micallef;

c. talli ħebb kontra Maria Micallef sabiex jiġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor;
d. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew lok espost għall-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi skont l-artikolu 383 tal-kodiċi Kriminali għall-persuna ta' Maria Micallef.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-25 ta' Frar, 2008 għal ħabta tat-8.30 a.m. Maria Micallef marret bil-karozza tagħha fi Triq Lapsi, Siġġiewi fejn hemm l-iskips għall-iskart. Hekk kif kienet hemm l-imputat resaq fuqha l-imputat li kien bil-mixi. Hu ried ikellimha iżda hi ma tatux wiċċ. Wara li lestiet hi daħlet fil-karozza u l-imputat fetaħ il-bieba u ħebb għaliha. Minn kif ġraw l-affarijiet hu ried ibusha iżda spiċċa biex weggaħha f'widnejha. Il-mara rrestiet u ftit wara l-imputat telaqha. Għalhekk, wara li ġiet f'tagħha hi saqet lejn id-dar fejn infurmat lil żewġha tal-akkadut u marru l-għassa jagħmlu r-rapport.

Illi l-pulizija bagħtu lil Maria Micallef tara tabib li miċ-ċertifikat li ħareġ jirrizulta li hi kienet qed tbagħti minn ferita ta' natura ħafifa.

Illi skont Maria Micallef din kient it-tieni darba li l-imputat kien ta fastidju. Fil-fatt, jirrizulta li l-ewwel darba hi kienet miexja meta ġiet avviċinata mill-imputat li qal li ried ibusha. F'din l-okkazzjoni sar biss id-diskors iżda ma ġara xejn.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li fil-ġurnata ta' l-inċident hu ried ibusha u ma ra xejn ħażin f'dan. Jirrizulta wkoll li l-imputat hu taħt kura medika ta' psikjatra.

Għaldaqastant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 86, 221 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal disa' xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt euro (€100).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------